TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 28/18/F

**Maria Dalli**
**vs**
**Calyton Pulo**

Illum 5 ta' Frar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Frar, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf, erba' mija, u tlieta u għoxrin ewro (€1,423), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fuq ix-xogħol illi l-intimat għamlilha fuq id-dar.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ingaġġat lill-intimat sabiex jagħmlilha x-xogħol ta' plumbing u electrician, u ħareġ kont ta' elfejn, erba' mija u tlieta u għoxrin ewro (2,423), u kienet tagħtu depożitu ta' elf ewro (1,000). Pero' skond ir-rikorrenti, tant għamel xogħol ħazin illi kellha tqabbad lil xi ħadd ieħor sabiex jirranġa u jlesti x-xogħol għax kienet waqfitu.

L-intimat issottometta li kien għamel ix-xogħol skond is-sengħa u l-arti, u minħabba l-fatt li ma kienx lest ma setax ikompli għax keċċietu.

It-Tribunal, jinnota li kien hemm diversi nuqqasijiet fuq ix-xogħol li għamel l-intimat u jidher illi ma kienx daqshekk professjonali fl-attitudni tiegħu, għax kien hemm ħafna pajpijiet u nuqqasijiet oħra li għamel, u li rriżultaw waqt is-smiegħ tal-kawża.

Mhix ġustifikazzjoni li tgħid illi ma kienx lesta x-xogħol, meta x-xogħol għandu jkun tajjeb mall-ewwel.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna illi r-rikorrenti m'għandhiex tħallas il-bilanċ ta' elf, erba' mija u tlieta u għoxrin ewro (€1,423), li huwa l-bilanċ tal-kont illi l-intimat bagħat lir-rikorrenti u li għalhekk jirrappreżenta l-kont tad-danni li sofriet ir-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888